IX-XGHAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru59(disgħa u ħamsin) tat-tmien (8) legislatura, tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret fl-uffiċċju amministrattiv nhar l-Erbgħa 26 ta' April, 2023, fil-5.00pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Neil Attard |
| Viċi Sindku | Rosabelle Pulis |
| Il- Kunsilliera | Anthony Valvo |
| | Mary Doris Borg |
| **Assenti b'Apoloġija** | |
| Il- Kunsilliera | Raymond Camilleri |
| **L-Uffiċjal** | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

Is-Sur Neil Attard ippresedja l-laqgħa.

**59.1.** **Item Nru 59.1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji.**

59.1.1 Il-Laqgħa bdiet fis-5.20 u s-Segretarju Ezekuttiv qara l-ittra ta' Apoloġija tal-Kunsillier Raymond Camilleri għaliex jinsab barra minn Malta. Il-Kunsilliera preżenti qablu u skużawh minn din il-laqgħa.

**59.2.** **Item Nru. 59.2 fuq l-Aġenda –** Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

59.2.1 Il-Minuti ittieħdu bħala moqrija u ġew approvati b'mod unanimu.

**59.3.** **Item Nru. 59.3 fuq l-Aġenda -** Komunikazzjoni mis-Sindku

59.3.1 Is-Sindku qal li ċ-ċint tal-bandli lest kif ukoll anke l-water proofing u propju llum qed jitkompla jiġi insallat il-fencing. Is-Sur Attard kompla u qal li dil-ġimgħa għandu jibda jsir ukoll ir-*rubber flooring*.

59.3.2. Is-Sindku qal dwar il-jogging track s'issa m'għadx hemm aġġornament għaliex għadhom qed jevalwaw l-applikazzjonijiet biss pero milli qalulna, il-proġett tagħna jiffitja eżatt ma' dak li qed jitolbu.

59.3.3 Is-Sindku tkellem dwar il-concession tal-hall u qal li ltqajna mal-lands u kif qbilna ser nirrilaxxaw minn Triq Ras il-Ġebel il-ġewwa lejn il-klabb tal-football għaliex tintuża mil-klabb tal-football stess. Għalhekk kif isiru l-approvazzjonijiet kollha, il-Kuntratt dalwaqt jerġa jiġġedded għal 15 -il sena oħra.

Is-Sur Attard fakkar li l-concession ser tkun fuq 5 snin u bil-possibilta li tiġġedded għal 5 snin oħra

59.3.4 Is-Sindku qal li l-uffiċċju tal-Kunsill li jinsab fil-Batterija Delle Grazie m' huwiex devolut kif suppost u għalhekk applikajna biex ta' dan ikollna it-titlu kif suppost.

59.3.5 Is-Sindku tkellem dwar l-espressjoni ta' interess għal servizz ta' manutenzjoni fil-libreriji li applikajna għaliha u qal li tagħna ġiet aċċettata pero irridu noħorġu l-flus għal materjal. Għalhekk il-Kunsill qabel unanimament ma' dan.

59.3.6 Is-Sur Attard qal li l-Kunsill applika wkoll għal skema ta' attivitajiet Kulturali għal din is-sena wkoll. L-attivita proposta ser issir fit-12 t' Awwissu u li ser tinkludi spettaklu, il-Ġostra tradizzjonali u ħafna aktar.

59.3.7. Is-Sindku qal li dwar il-proġett tal-boċċi nhar it-Tnejn li ġej għandu jiġi l-Perit biex isiru pjanti ġodda li jinkludu biss, *pitch* tal-boċċi, rampa taħtu. Għalhekk bħala kamra għal possibilment kumitat tal-boċċi nistgħu nallokaw dik li tinsab taħt Triq l-Awrat maġenb il-*Multipurpose hall.* Kulħadd qabel ma' din il-proposta.

59.3.8 Is-Sur Attard qal li r-*ring* tal-*Basketball* waslet pero ippropona li qabel issir fil-post tiġi installata camera fuqħa minħabba l-vandaliżmu. Kulħadd qabel ma' din il-proposta.

59.3.9 Is-Sur Attard tkellem dwar iż-*zebra crossing* u qal li l-kuntrattur li konna tlabnih stima qata' qalbu minħabba xogħol ieħor u għalhekk erġajna irridu nfittxu kuntrattur. Is-Sindku qal lil sħabu l-kunsilliera li jekk jafu xi ħadd bil-liċenzja kapaċi nistgħu navviċinawh u jtina stima. Is-Sur Valvo staqsa jekk il-Koptasin jagħmlux dan it-tip ta' xogħol ukoll. Is-Segretarju qal li ser jivverifika magħhom.

59.3.10 Is-Sindku qal li l-palm tax-xatt dak li kien mejjet inbidel u issa qiegħed jieħu ħsieb it-tisqija tiegħu hu stess. Ser iġib persuna professjonali minn għand min xtrajnihom sabiex jiċċekkjhom ukoll.

59.3.11 Is-Sindku tkellem fuq ir-railing tax-xatt u qal li bħalissa qed jagħmlu l-konkos ta' taħt ir-railing, is-sottobank. Dan xogħol li qiegħed isir mil-ħaddiema tal-Public Works u kellna bżonn nordnaw iż-żebgħa ta' barra sabiex wara li jinkesa jinżebaħ.

Il-Kunsill qabel li nibgħatu email lill-Onor Stefan Zrinzo sabiex naraw x'inhu l-pjan fuq dan ir-railing.

59.3.12 Is-Sur Attard qal li dwar il-magna tal-flixken tal-plastic għadna nipprovaw. Jidher li ser isiru oħrajn ġodda u qed nippressaw biex ix-Xgħajra tkun waħda minn dawk il-lokalitajiet magħżula.

59.3.13 Is-Sur Attard qal għandna proposta m'għand it-TCTC sabiex norganizzaw korsijiet ta' tagħlim tal-kompjuter għat Tfal għal dan is-Sajf fejn l-etajiet ser ikunu minn 5 sa 12 -il sena. Il-Kunsill ser iħallas fee 25 għal kull applikant skont kemm ikun hemm applikanti.

59.3.14 Is-Sindku ippropona li permezz tad-Development Planning Funds il-Kunsill ikun jista jagħmel tabella sabiħa ta' Merħba fix-Xgħajra, bankijiet ġodda tul ix-xatt b'valur ta' madwar €60,000, isir xogħol ta' fejn ħa jsir il-pitch tal-boċċi b'valur ta' €10,000 kif ukoll jinbidel ir-roundabout.

Ma kienx hemm oġġezzjoni mil-Kunsilliera preżenti.

59.3.15 Is-Sindku qal li dwar il-paviment taħt Triq il-Knisja sa Triq l-Ispnott ser ikollna l-ħaddiema tar-Reġjun sabiex jassistu u jinbidel il-paviment li hemm ħażin ħafna.

59.3.16 Is-Sur Attard qal li wara talba uffiċjali mat-Tourism Zones Foundation biex isir xogħol ta' manutenzjoni fil-parti li tissejjaħ tal-Milord u l-Banju dawn qablu u diġa ġew inaddfu il-banju mil-ġebel kbir b'permezz tal-għaddasa. Propju ftit wara reġa' kien grigal u dan il-gebel reġa ittella' kollu. Issa erġanja kellimnihom biex kemm jista jkun dan jittieħed mhux jitħalla hemm.

Is-Sindku qal li mat-Tourism Zones Foundation qbilna wkoll li jsir xogħol ta' manutenzjoni fuq il-platform fejn jixxemxu n-nies u għalhekk l-ewwel ser inġibu stima m'għand kuntrattur u nibgħatuwielhom għal awtorizzazzjoni tagħhom. Kif din tiġi awtorizzata x-xogħol ikun jista jsir imbgħad il-kuntrattur jitħallas mil-Kunsill u l-Kunsill jiġi rimbursat mit-Tourism Zones Foundation.

59.3.17 Is-Sindku qal li avviċinatu tfajla li ser tikkontesta f'Miss World u tirrappreżenta x-Xgħajra. Din tixtieq li bħala Kunsill ngħinuha fl-ispejjeż tal-libsa make up u xagħar. Il-Kunsill qabel li jisponsorjaha bl-ammont ta' €500. Kulħadd qabel ma' dan li qal is-Sindku.

**59.4 Item Nru 59.4 fuq l-Aġenda – Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

59.4.1 Is-Sa. Rosabelle Pulis staqsiet jekk nistgħux ukoll ngħinu lil tfajla oħra li avviċinat lilha li din ser tikkontesta f'konkors ieħor tas-sbuħija u ser tkun Miss Xgħajra 2024. Il-Kunsill qabel li bl-istess mod li ser ngħinu lil Miss World nagħmlu wkoll għal Miss Xgħajra.

59.4.2 Is-Sa. Pulis staqsiet jekk il-pjanta li semma s-Sindku tal-proġett tal-boċċi hux ser nuruha lin-nies qabel tiġi sottomessa l-Planning Authority. Is-Sindku qal li m'hemmx għalfejn għaliex huwa dak li qbilna magħhom u li jridu.

59.4.3 Is-Sa. Pulis staqsiet jekk nistgħux nitfgħu fuq Facebook li qed nilqgħu offerti ta' bankina u zebra crossing.

59.4.4 Is-Sa. Pulis staqsiet fuq il-concession u talbet aktar informazzjoni għaliex l-ewwel konna semmejna sentejn u issa 5 snin. Is-Sindku qal li għaliex kien ser jiskadi l-kuntratt mal-Lands u issa ser inġedduh għal 15 il sena oħra. Il-Kunsill ser ikollu dritt ukoll li juza l-premisis b'avviz minn qabel.

59.4.5 Is-Sur Anthony Valvo staqsa jekk jistax ninkludu xogħol ta' manutenzjoni fil-Belveder. Is-Sindku qal li nistgħu ninkluduh fl-applikazzjoni tad-Development funds.

59.4.6 Is-Sa. Doris Borg staqsiet jekk tal-Malta Libraries jafux fuq ix-xogħol li ħa jsir fil-librerija minħabba l-kotba sabiex ikunu jistgħu joħduhom u ma jitarqux. Is-Sindku qal li għalissa m'għandnix informazzjoni ta' meta ser isir dan ix-xogħol pero ninfurmawhom.

59.4.7 Is-Sa Doris Borg staqsiet fuq Triq AG Chesney u qalet jekk hux ser tiġi one way jew le? Is-Sindku qal li bħalissa qed issir konsultazzjoni mar-residenti sabiex naraw liema naħa l-iktar jippreferu li ssir one way.

59.4.8 Is-Sa. Borg staqsiet fuq ir-restaurant tal-Milord tax-Xatt u jekk hemmx il-ħsieb li jerġa jiftaħ. Is-Sindku qal li dak ħarġet tender u min ħadha ser jibda x-xogħol fuqha din is-sena biex imbgħad jiftaħ għal pubbliku s-sena d-dieħla.

59.4.9 Is-Sa. Doris Borg staqsiet jekk il-bieb taċ-Ċentru Alijoy jistax jiġi inkluż max-xogħol ta' manutenzjoni fil-librerija. Is-Sindku qal li ser jipprova jinkludih ukoll billi nibblastjawh u niżbgħuh.

59.4.10 Is-Sa. Borg qalet li attendiet għal seminar tal-Ewropa mal-Kunsilli u kien ta' interess kbir.

59.4.11 Is-Sa. Doris Borg staqsiet jekk hemmx xi data preferuta sabiex niltaqgħu mar-residenti barranin. Hi lestiet l-ittra ta' stedina pero għad jonqos li tkellem lis-Surmast tal-iskola sabiex inkunu nistgħu nużaw is-sala tal-iskola.

59.4.12 Is-Sa Borg staqsiet hekk kif ser isir xogħol madwar il-banju jekk nistgħux nitolbu li jsir il-qiegħ tiegħu ukoll b'xi ramel. Is-Sindku qal li xogħol kbir hekk impossibbli għalina bħala kunsill imma nistgħu nitolbu lil Gvern sabiex issirlu bazi ta' ramel.

**59.5 Item Nru. 59.5 fuq l-Aġenda – Rapporti**

59.5.1 Ma kienx hemm rapporti

**59.6 Item Nru. 59.6 fuq l-Aġenda - Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

59.6.1 Xogħol ieħor ġie diskuss aktar kmieni.

**59.7 Item Nru. 59.7 fuq l-Aġenda - Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

59.7.1 Pagamenti b'numru 122 ġew approvati unanimament.

**59.8 Item Nru. 59.8 fuq l-Aġenda – Mozzjonijiet**

59.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**59.9 Item Nru. 59.9 fuq l-Aġenda - Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

59.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.50pm

Aġġornament għal nhar it-Tlieta 30 ta' Mejju, 2023

| | |
|---|---|
| Ranier Busuttil | Neil Attard |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |